# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Agnese D'Anastasi (ID73962M)**

**Maria Anna Frendo (339955M) u**

**Philippa Briffa (395563M)**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **l-imputati** li permezz tagħha huma ġew akkużati talli fl-4 ta' Lulju 2013 u fix-xhur u ġimgħat ta' qabel ġewwa Ħaż-Żebbuġ, mingħajr ħsieb li jisirqu jew li jagħmlu ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċitaw dritt li jippretendu li kellhom, fixklu lil Josephine Calleja fil-pussess ta' ħwejjiġha billi għamlu xatba fid-daħla tal-għalqa maqsuma bejn l-aħwa fi Triq il-Buskett, Ħaż-Żebbuġ u b'hekk naqsu milli jagħtu aċċess lil Josephine Calleja.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***Ikkunsidrat : -***

Illi x-xiehda l-aktar rilevanti għal dan il-każ hija s-segwenti : -

**Josephine Calleja** tixhed li **qabel** ma sar il-kuntratt ta' diviżjoni din l-għalqa, din kienet tinħadem minn ħuha Carmelo Agius. Żewġha Leonard Calleja kien jgħinu wkoll. Qabilhom kien jaħdimha missierha, li miet fl-1985. L-aċċess kien mill-fetħa fil-porzjoni 5 u kienu jidħlu minn hemm anke bil-karozza. Il-ftehim tal-qsim kien sar bi qbil bejn l-aħwa kollha. Meta ġew imqegħda l-posti għall-qsim hija ftehmet mal-imputata Maria Anna Frendo u ħuha Carmelo Agius billi wkoll daħlu mill-istess fetħa u kienet ħadet lill-Perit magħha fuq il-post.

**Wara** li sar il-kuntratt ta' diviżjoni hi u żewġha kienu baqgħu jgħaddu mill-fetħa fil-porzjon numru 5. Iżda meta sar il-kuntratt kien hemm xatba ħadra tal-ħadid li wara ġiet maqlugħa minn Carmelo Agius u sostitwita permezz ta' biċċa wire li kien ġie msakkar b'katnazz. **Wara** li sar il-kuntratt ta' diviżjoni, fejn qabel Calleja tgħid li hi kienet tidħol mill-fetħa mingħajr ma ssemmi li kienet titlob xi permess jew tagħmel talba lil xi ħadd biex tidħol fl-għalqa, issa wara l-kuntratt tgħid li : "imbagħad il-'wire' għamlu katnazz fih u kont inċempel lil Miriam biex tiftaħli u jiena kont immur u nsibha miftuħa". Ċavetta għal dan il-katnazz ma kellhiex. Ma jirriżultax li talbet jew insistiet li tingħata

ċavetta għall-katnazz jew li għamlet proċeduri legali sabiex tingħata kopja taċ-ċavetta.

Ma jirriżultax li **wara** d-diviżjoni u **wara** li sar dan il-katnazz minn Carmelo Agius kien hemm xi kontroversja bejn il-parte civile u l-kumplament tal-aħwa, Carmelo Agius inkluż, dwar il-fatt li hija ma kellhiex iċ-ċavetta għal dan il-katnazz, u li allura d-dritt t'aċċess tagħha kien ristrett. Il-kontroversja jidher li ġiet senjalata **aktar tard** meta ġiet imqegħda x-xatba li kienet tissakkar minn ġewwa minn naħa tal-imputati jew min minnhom u mhux qabel meta kien jagħlaq ħuha Carmelo Agius – minkejja li hija ċavetta ma kellhiex.

Calleja tgħid li kienet applikat mal-MEPA biex ikollha aċċess dirett fuq il-porzjon tagħha. Biss il-MEPA ma tagħthiex dan il-permess minħabba l-policies tal-ippjanar.

**Carmelo Agius** jixhed li l-fetħa de quo kienet ilha hemm minn żmien missieru inkwantu kien fetaħha missieru biex ikunu jistgħu jidħlu bit-trakkijiet. Qabel kienet bla bieba pero huwa kien għamel xatba tal-ħadid bil-firroll u fl-aħħar sitt snin beda' jagħlaqha bil-katnazz. Meta saret id-diviżjoni, kien għad hemm din ix-xatba u huwa kien **ta ċ-ċavetta tax-xatba lil Agnes D'Anastasi**. Wara pero x-xatba kien qalagħha biex jeħodha hu u minflok kien għamel biċċa wire tal-azzar magħluqa bil-katnazz. Kif żabar l-għalqa mis-silla ta **ċ-ċavetta tal-wire bil-katnazz**

**<u>lill-oħtu Agnes "għax qegħdha fil-porzjon tagħha"</u>**. Huwa ċavetta waħda kellu u tahielha.

Huwa ma għandux problema biex jaċċedi għall-porzjon tiegħu għax qabad u għamel xatba mat-triq. Wara li saret il-qasma Agius jgħid li Josephine Calleja u żewġha kienu għamlu xi sentejn jidħlu minn din ix-xatba biex jaħdmu l-porzjon tagħhom. Meta kien hemm il-wire tal-azzar Josephine kienu jidħlu minn hemmhekk. Qabel ma għamlet ix-xatba tal-injam Agnes lilu ma kienetx kelmitu.

**<u>Leonard Calleja</u>**, żewġt il-parte civile jixhed li kien preżenti meta kienu saru l-qsami fil-preżenza ta' Carmelo Agius u Maria Anna Frendo u l-Perit. Meta sar il-kuntratt tad-diviżjoni huwa ma kienx preżenti. Pero **<u>wara</u>** d-diviżjoni huwa beda jaħdem il-porzjon numru 2 (u dan a differenza ta' dak li tgħid martu Josephine Calleja li xehdet li huwa kien jgħin lil ħuha Carmelo wkoll qabel id-diviżjoni). Huwa kien jidħol u joħroġ mill-fetħa fuq porzjon numru 5 u jgħaddi minn mal-ħajt fuq ir-raba' tal-oħrajn. Dan jgħid li kien hemm xatba tal-fildiferru li kien għamilha Carmelo Agius u qabilha dan jgħid li kien hemm tankijiet. Agius kien qala' x-xatba u għamel wire tal-azzar. Dan jgħid li l-wire kien ikun jew miftuħ jew sempliċiment poġġut – kemm taqilgħu mill-ħolqa. Meta kien mar fl-2013 biex jaqla' l-ful li kien żergħa huwa sab ix-xatba li kienet saret ġdida u ma setgħax jidħol għax kienet maqfula b'katnazz minn ġewwa. Huwa mar l-għassa. Ċavetta ta' din ix-xatba

ma kellux u ma tawħx. Huwa beda jaħdem din l-art **<u>wara li saret id-diviżjoni</u>**, minkejja li l-ewwel darba li mar hemm kien wieħed u erbgħin (41) sena ilu. Missier il-mara kien jaħdimha din l-art u warajh kien jaħdimha Carmelo Agius. Il-ġebel kienu għamluhom wara li kienet saret id-diviżjoni. Meta kienu marru jagħmlu l-ġebel kien għad hemm il-wire fil-fetħa in kwistjoni. Kienu marru ma Miriam u mal-Perit.

Wara kien imiss lill-imputati li jixhdu.

**<u>Agnes D'Anastasi</u>** tixhed li sal-mument tal-kuntratt tad-diviżjoni l-għalqa kienet tinħadem minn missierha u warajh minn ħuha Carmelo Agius. Meta ġew biex jaqsmu lil ħuhom Carmelo kienu tawh żmien biex joħroġ soġġett għal multa fin-nuqqas. Josephine Calleja qatt ma kienet taħdimha din l-għalqa. Tgħid li kieku kienet taħdimha kienu jagħmlulha kundizzjoni simili għal dik li għamlu lil ħuhom Carmelo. Biss Calleja bdiet taħdem l-għalqa **<u>wara</u>** l-kuntratt ta' diviżjoni. Dan saret tafu għaliex kienet rat il-porzjon ta' Calleja miżrugħa bil-ful.

Missierha kien jidħol fl-għalqa mill-fetħa de quo jew mir-razzett. Il-fetħa ma kienetx minn dejjem hemmhekk u kien fetaħha ħuha Carmelo Agius ftit qabel l-1988 (u dan kontra li jixhed Carmelo li qal li din kien fetagħha missierhom). Mir-razzett kien setgħa jidħol ukoll. Meta ġew biex jaqsmu, Carmelo Agius kien talabha €200 għax-xatba li kien għamel fil-fetħa fuq il-porzjon tagħha. Hi qaltlu li ma ridithiex u qaltlu biex

jeħodha. Huwa qalagħha u hija għamlet waħda tal-injam. Hija ma kienetx tkun hemmhekk għalkemm kienet tqabbad wieħed jaħdimhielhom.

Agnes D'Anastasi tgħid ukoll li bħala aħwa huma maqsumin bejnha u ż-żewġt imputati l-oħra fuq naħa u Carmelo Agius u l-parte civile fuq l-oħra. Minkejja dan hija tisħaq li ħutha ma għandhomx dritt t'aċċess minn fuq l-art li ġiet assenjata lilha fil-kuntratt ta' diviżjoni. Pero hi, Philippa u Maria Anna ftehmu li jaħdmu t-tliet porzjonijiet f'daqqa. Ma Calleja pero ma kien hemm ebda arranġamenti u fuq il-kuntratt ma kien hemm ebda dritt ta' servitu maqbul jew ftehim li ħutha kollha setgħu jidħlu minn din il-fetħa.

Hija tgħid li darba Josephine kienet talbitha ċ-ċavetta biex daħlet u għamlet il-qasma u dan kien meta kien għad hemm il-wire. F'episodji sussegwenti hija ma tafx kif Josephine kienet daħlet f'din l-għalqa. Il-ħabel pero kien baxx u setgħa jiġi maqbuż. F'San Filep kienet tħalli l-ħabel miftuħ. Hija tgħid li x-xatba saret xi xahrejn jew tlieta wara li sar il-ħabel bil-katnazz. Ix-xatba kienet saret minnha u minn oħtha Philippa. Din ix-xatba għamlitha għaliex kulħadd kien jidħol – inkluż oħtha Josephine. Anzi tgħid li "waqqaftha għax aħna ma nitkelmux u hi setgħat tiftaħ xatba mingħandha. Naf li Josephine ma għandhiex xatba, pero dik biċċa tagħha mhux tiegħi. Josephine qalet li applikat u ma tawhiex".

Ħutha l-oħra jgħaddu mill-fetħa u mix-xatba li għamlet bil-kuntentizza tagħha u x'ħin jidhrilha l-anqas lilhom ma tħalli jgħaddu. Hija qatt ma għamlet rapport lill-Pulizija li Josephine kienet tgħaddi mill-fetħa tagħha. Jekk Josephine għaddiet minn hemmhekk, din għamlet dan mhux bil-kuntentizza tagħha. Meta ġew biex jagħmlu l-qsami D'Anastasi tgħid li kienet preżenti u kien il-perit stess li qalilhom li qasamha hekk biex kulħadd ikollu aċċess mit-triq u meta marru hemmhekk kienu għaddew mix-xatba.

**Maria Anna Frendo** tgħid li fil-kuntratt ġie miftiehem li kulħadd għandu aċċess mit-triq. Il-plot tagħha jaħdmuha ħutha u hi ma tmurx l-hemm. Minn naħa tagħha hija ma għamlitx xatba. Biss Josephine Calleja ma għandhiex dritt tgħaddi minn fuq il-porzjon tagħha u hija ma kienetx lest tħalliha tgħaddi, għalkemm dix-xhud tgħid li hija fiżikament qatt ma waqftiha fuq il-post. Il-fetħa de quo kienet ilha hemm anqas minn tletin sena u ma kienx missierha li fetaħha. Meta Josephine kienet riedet tgħaddi mill-fetħa u l-ilqugħ li kien hemm, Josephine kienet iċċempel lilha – għalkemm ma kienetx iċċemplilha kull darba li marret taħdem fil-porzjon tagħha. U jekk Josephine kienet daħlet hemmhekk minn din il-fetħa mingħajr ma ċċemplilha, Josephine kienet għamlet dan minn wara daharha.

**Philippa Briffa** tixhed li meta missierha kien għadu ħaj hija kienet tmur miegħu r-razzett. Biss wara li missierha miet hija u ħutha Maria Anna u Agnes qatt ma resqu lejn ir-razzett għax ħuhom Carmelo kkapparraħ u kien jgħid li dan kien akkont ta' sehmu. Carmelo kien għamel xatba u warajha kien għamel biċċa wire bil-katnazz u lilha kien ta ċ-ċavetta biex ittiha lil Agnes. Kien qallha biex tħalliha miftuħa fil-festa ta' San Filep biex tkun tista' tgħaddi l-*fire engine* peress li kien hemm xi tiben li setgħa jieħu n-nar. Ġieli ħallew ix-xatba miftuħa meta kien ikun hemm xi wieħed li jmur jaħratha.

Jekk oħtha Josephine kienet tidħol minn hemm, hija kienet tagħmel dan bil-moħbi tagħhom. Biss Josephine kienet tidħol fl-għalqa mingħand ħuha Carmelo Agius. Kemm hi kif ukoll oħtha Agnes għandhom iċ-ċavetta tax-xatba. Meta ġiet biex tidħol fl-għalqa, Josephine kienet talbet iċ-ċavetta lil Maria Anna u din tal-aħħar kienet talbet iċ-ċavetta lilha. Josephine kienet iċċempel lil Maria Anna u lilha qatt ma kienet iċċemplilha.

Dix-xhud tgħid li tippretendi li tidħol mingħand oħtha Agnes **dment** li dawn jaħdmu l-għalqa t-tlieta flimkien. Anzi tgħid li jekk tiġi biex tbiegħha ma trid lil ħadd jidħol minn fuqha. Hija żżid li x-xatba kienu għamluha żewġha u zijuh. Huma kienu għamlu x-xatba biex ħadd ma jidħol fl-għalqa u jekk oħtha Josephine riedet tgħaddi setgħet tgħaddi mill-ħajt iżda mhux minn fuq il-porzjon tagħha. Josephine quddiemha

qatt ma daħlet u għalhekk ix-xatba ma saretx speċifikament biex Josephine ma tidħolx hemmhekk. Ix-xatba saret biex ħadd ma jidħol hemmhekk. Hija ma kienetx taf li Josephine kienet qed tidħol xorta waħda u li żewġt Josephine kien qed jaħdem l-għalqa wkoll.

**<u>Il-Perit Richard Aquilina</u>** xehed li huwa kien għamel ix-xogħol relattiv għall-pjanti u dwar kif il-plots kellhom jiġu maqsuma. Huwa kien għamel plots b'faċċata ugwali **<u>fuq triq pubblika</u>**. Kienu wkoll għamlu l-marki fuq il-post bejn kull plot. Huwa jgħid hekk –

> Jien qsamthom b'dan il-mod biex kulħadd ikollu faċċata ugwali fuq it-triq bla ma nikkawża servitu' ta' passaġġ minn fuq wieħed għall-ieħor...ma nikkrejax servitu' fis-sens li ħadd ma jgħaddi minn fuq l-ieħor. Anke jekk 'il quddiem ikun jista' jsir żvilupp, dan ikollu faċċata fuq it-triq.

Huwa jżid jgħid li **<u>qabel</u>** ma saret il-qasma min kellu nteress li jidħol kien jidħol mix-xatba de quo. Huwa jgħid ukoll li sakemm issir fetħa kellhom ikomplu jgħaddu mix-xatba biex jaċċedu għall-egħlieqi tagħhom. Biss huwa għamel il-pjanti tal-porzjonijiet de quo biex ma joħloqx servitu bejn porzjon u ieħor u l-partijiet kollha kienu kuntenti b'dan il-pjan ta' qasma u kienu preżenti meta għamlu l-marki biż-żebgħa fuq il-post. Anzi jgħid ukoll li kien hemm l-Avukati tal-partijiet preżenti, għalkemm ma jiftakarx jekk Josephine Calleja kienetx assistita minn Avukat.

***Ikkunsidrat :***

1. Illi l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali jgħid : -

**85.** (1) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur:

Iżda, il-qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minflok il- piena hawn fuq imsemmija, tagħti l-piena tal-multa.

Huwa minnu dak mistqarr mill-Avukat Difensur li l-fonti ispiranti l-Liġi Maltija huwa l-Artikolu 168 tal-***Leggi Penali del Codice pel Regno delle Due Sicilie***. Dan l-Artikolu fil-fatt jippreskrivi r-reat bħala ***vie di fatto*** u jsegwi[1] : -

Chiunque senza oggetto di furto o di recar danno per ingiuria, ma solamente per l'esercizio di un preteso diritto, obblighi altri al pagamento di un debito, o alla soddisfazione di un'obbligazione qualunque, o disturbi un'altrui possesso, demolisca fabbricati, devii acque e simili, e' punito col primo al secondo grado di prigionia, salve le pene maggiori nel case di un reato per se stesso maggiore.

Din il-Qorti tmur oltre u tqis li dan l-Artikolu 85 huwa pratikament identiku għal dak li kien viġenti fil-***Leggi Penali del Codice pel Regno delle Due Sicilie***. Dan ifisser li l-interpretazzjoni li trid tingħata trid tkun konsoni ma' dan it-test tal-Liġi Borbonika.

Illi fil-kawża ***Il-Pulizija versus Eileen Said*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Ġunju 2002 mill-Imħallef Joseph Galea Debono intqal : -

Illi l-appellanti instabet ħatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right". Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-

[1] Napoli, Presso Angelo Trapani, 1819, fol 73 : *De' reati contra l'amministr. pubblica*, Sezione III, *Dell'uso privato de' mezzi della pubblica' autorita'*.

kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :- "It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speċjali) Vol. II).

Din il-Qorti ma tasalx li tgħid, bħall-Abbli Avukat Difensur li l-ġurisprudenza Maltija elaborata tul dawn l-aħħar seklu u nofs hija bażata fuq premessa legali żbaljata. Anzi din il-Qorti, minn qari tal-każijiet li jittrattaw dan is-suġġett tara li l-Qrati Maltin pero ħadnu l-interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu **kemm** b'mod konsoni ma dak mistqarr mill-Awturi dwar il-Kodiċi Borboniku, **kif ukoll** interpretaw dan l-Artikolu fl-ambitu aktar wiesa' tal-insenjament tal-Carrara, li kien qiegħed jikkummenta fuq il-Kodiċi tar-Renju tal-Italja, jew dak li l-Abbli Avukat Difensur jirreferi għalih bħala l-Kodiċi Sabaudo – u dan peress li għalkemm ma hemmx l-identiċita tal-kliem f'dawn il-Liġijiet, hemm żgur somiljanza wisq kbira bejniethom fir-rigward tal-elementi prinċipali tar-reat de quo.

It-test tal-Kodiċi Sabaudo fil-materja tar-reat li hemmhekk huwa riferit bħala dak ta' ***ragion fattasi*** jaqra hekk : -

286. Chiunque con violenze verso le persone, ed al solo oggetto di esercitare un preteso diritto, taluno a pagare un debito, o ad eseguire un' obbligazione qualunque, o, turba l'altrui possesso, demolisce fabbricati, devia abbatte alberi, siepi vive o ripari stabili sarà, punito :

1. Colla relegazione estensibile ad anni dieci, se, la violenza sarà, stata fàtta con armi ed'accompagnata da percossa o ferita;

2. Col carcere non minore di tre mesi, se si sarà fatto uso d'armi, ma senza percosse nè ferite ovvero se siano intervenute percosse o ferite, ma senz'armi;

3. Col carcere estensibile a tré mesi, se 'la violenza sarà seguita senza percossa o ferita e senza armi.

Alla pena del carcere sarà aggiunta una multa estensibile sino al doppio del danno recato.

Sono salve in tutti i casi le maggiori' pene pei reati per se stessi più gravi.

287. Se la demolizione di fabbricati, o la deviazione d'acque, o l'abbattimento di alberi, siepi vive o ripari stabili, fu bensì commessa allo scopo di esercitare un preteso diritto, ma non v'ebbe violenza verso le persone, il colpevole sarà punito con una multa non maggiore del doppio del danno recato.

Dan ir-reat jaqa' taħt il-Capo 3 li jitratta r-reati li jikkostitwixxu disubbidjenza u nuqqasijiet oħra versu l-pubblika awtorita'. Il-Carrara jippreskrivi t-tifsira ta' dan ir-reat b'dan il-mod :

La *ragion fattasi* (1) e' il delitto di chiunque – *credendo di avere un diritto sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita' pubblica, senza per altro eccedere in violazione speciali di altri diritti.*[2]

Din id-definizjoni tirrifletti wkoll l-elementi tar-reat skont l-istess Carrara huma :

1.o Un *atto esterno* che spogli altri di un *bene che gode*, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo – 2.o *Credenza* di far quest'atto in esercizio di un diritto – 3.o *Coscienza* di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati – 4.o *Mancanza di titolo piu' grave*.[3]

Għalkemm ir-reat fil-Kodiċi Sabaudo mhux identiku għal dak misjub fil-Kodiċi Kriminali Malti u dak tar-Regno delle Due Sicilie, b'mod

[2] ***Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale***, Volum 5, Lucca, 1868, paġna 486, paragrafu 2849.

[3] Ibid. Paġna 487, paragrafu 2850.

partikolari in kwantu jisħaq fuq element ieħor, ossija tal-vjolenza kontra persuna, l-elementi l-oħra, dak formali *in primis* jibqa' l-istess. Fil-kuntest legali Malti u dak Borboniku mhux meħtieġ li l-azzjoni tkun eżegwita bil-mezz ta' vjolenza. Iżda l-qofol tal-istess reat, kemm taħt il-Kodiċi Sabaudo kemm taħt dak Borboniku, jibqa' ppernjat fuq l-elementi li ġew elaborati mill-Qrati Maltin kemm f'sentenzi qodma bħal dik mogħtija mill-Imhallef W. Harding fil-każ ***Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et*** (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) kif ukoll f'sentenzi aktar reċenti bħal dik mogħtija mill-Imħallef Lawrence Quintano fil-kawża ***Il-Pulizija vs Anthony Zahra***, nhar l-20 ta' Ġunju 2014 li jirriflettu dawn l-elementi skont il-Carrara in kwantu ġew ritenuti li jinkludu :-

a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna ;

b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt ;

b) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali ;

d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi ;

Dan jirrispekja dak mistqarr mill-Carrara kif jidher aktar il-fuq. Iżda dawn il-Qrati abbraċċjaw ukoll l-interpretazzjoni t'awturi oħra, b'mod speċifiku dawk li jikkummentaw fuq il-Kodiċi Borboniku u li komplew jelaboraw kif il-fatti speċifiċi f'każ għandhom jiġu interpretati sabiex ir-reat ta' ragion fattasi jkun jista' jiġi integrat.

Sabiex jiġi integrat ir-reat ta' ragion fattasi mhux biżżejjed li persuna tiġi turbata fil-**pussess** ta' fond jew jedd, ikun xi jkun dak il-pussess – iżda jrid jiġi pruvat li jkun hemm dak il-pussess jew forma tiegħu. Anke detenzjoni ta' dar fuq mera tolleranza minn konjuġi u li ġiet disturbata bl-azzjoni ta' bdil ta' serratura tal-bieb ta' barra dakinhar ta' meta l-Qorti iddekretat l-annullament taż-żwieġ bejn il-konjuġi ġiet ritenuta li tintegra r-reat ta' ragion fattasi f'dan il-pajjiż u dan peress li kien hemm l-i*status quo* li ġie abbużivament u arbitrarjament mibdul bl-azzjoni unilaterali tal-aġent minflok ma rrikorra għall-awtorizzazzjoni ġudizzjarja.[4] B'hekk huwa ġie li *si e' fatto arbitariamente ragione* u mhux sempliċiment *si e' fatto ragione da se'*. Skont il-Cassazione Penale, Sez. VI, sent. 11118 tat-22/11/1985 *Mioli* ġie deċiż li r-reat ta' ragion fattasi mhux intiż li jippunixxi *chi si fa ragione da se' ma chi si fa* ***arbitrariamente*** *ragione* [5] b'mod li jitturba l-*istatus quo* prevalenti fil-mument meta jsir l-att kriminali.

Skont il-**Carmignani**, it-turbattiva tal-pussess ma tridx tkun waħda merament kostruttiva iżda irid ikun hemm pussess "**attwali**" **u** li l-azzjoni tat-terz tkun twassal għat-turbattiva ta' dak l-*istatus quo*: -

---

[4] Ara *Il-Pulizija vs Joseph Bongailas*, Qorti tal-Appell Kriminali, 22 t'Ottubru 2001 fejn intqal li :

> Mela dan l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.

[5] Hawnhekk il-Qorti tal-Kassazzjoni rriteniet li ma kienx ġie integrat ir-reat ta' ragion fattasi fil-każ fejn il-proprjetarju ta' stabbli biddel is-serratura ta' bieb t'aċċess għal uffiċini u b'hekk għalaq l-aċċess lill-kerrejja tal-istess uffiċini u li kienu ġew inutilment diffidati milli jiżvolġu fil-fondi mikrija rispettivament l-attivita' li għaliha kienu krew u li wara ġew diffidati milli jwetquha.

> 879 Si hanno esempi di questo delitto, 1. Se un creditore riscuote con violenza dal suo debitore la somma dovutagli; 2. **Se una cosa mobile od immobile creduta propria vien tolta violentemente a chi ne e' in attuale possesso**; 3. Se un colono, finita la locazione, ricusa di lasciare il fondo;....[6]

Din il-Qorti għalhekk trid tindaga wkoll x'kien l-*istatus quo* fil-perjodu rilevanti għall-kawża u jekk allura l-pussess reklamat mill-parte ċivile kienx wieħed attwali fis-sens hawn fuq deskritt.

Anke skont l-**Arabia**, l-azzjoni tar-ragion fattasi mhix intiża li tissanzjona t-turbativa tal-pussess ta' persuna *per se* iżda tippenalizza l-użu ta' mezzi kompetenti lill-awtorita' pubblika bis-sostituzzjoni tagħhom bl-azzjoni unilaterali da parti tal-privat :

> Il che da una parte dimosta che il reato non ista' nella turbativa del possesso, ma nell'uso de' *mezzi dell'autorita' pubblica*. Ma perche' intervenga l'autorita' pubblica a porre in atto l'esercizio dell'altrui diritto, sono fuor di dubbio necessariamente due cose, a) che il diritto sia reale, b) che ne sia controverso l'esercizio."[7]

Din il-Qorti tifhem li dawn il-kummentaturi li kienu qed jikkonċentraw fuq il-Liġi Napoleonika u dik Borbonika tal-*vie di fatto* (identika għal dik Maltija *in materia*), u li trid tiġi interpretata wkoll fl-isfond ta' dawk l-elementi li l-Qrati Maltin saħqu fuqhom matul is-snin – u li kif intwera' ibbażaw fuq ir-reat simili ħafna ta' *ragion fattasi* fil-Kodiċi Sabaudo.

---

[6] Enfazi mizjuda – "Elementi di Diritto Criminale", Giovanni Carmignani, Traduzione italiana sulla quinta edizione di Pisa del Profs. Caruana Dingli, Milano, 1863, fol 318.

[7] "I Principi del Diritto Penale applicati al Codice delle Due Sicilie", Francesco Saverio Arabia, Vol 3, Napoli 1858, Parte III, Art. 164 a 173, pagina 45.

Jirriżulta ċar, anke mill-ġurisprudenza Taljana li l-oġġett ġuridiku tutelat mir-reat ta' ragion fattasi għadu dibattut u jifred lill-ġuristi fl-opinjonijiet tagħhom. Hemm il-kurrent tradizzjonali li ssostni li dan ir-reat huwa msejjes fuq l-azzjoni tas-suġġett attiv li toffendi l-interess għar-rikors obbligatorju għall-ġurisdizzjoni, ossija l-monopolju ġurisdizzjonali. Hemm imbagħad il-kurrent ta' ħsieb l-ieħor li huwa li jikkonċentra aktar fuq l-aspett li l-offiż fir-reat tar-ragion fattasi huwa l-*istatus* tal-pussess tad-drittijiet intiż bħala stat ta' fatt li in bażi tiegħu persuna ssib ruħha fil-possibilita' li teżerċita kwalsiasi dritt in kwantu tkun titolari ta' *apparentia iuris*.[8]

Inoltre, skont il-Carrara "*qui continuat non attentat*"[9]; u dan jagħmel sens fil-loġika tal-Carrara u tar-reat innifsu għaliex skont kif jgħid l-istess awtur fil-paragrafu 2851 tal-Opra hawn fuq ċitata : -

> L'atto esterno deve privare altro *contro sua voglia* di un *bene che gode*. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e *continua* a goderne a dispetto di chi non voglia non delinque ; perche' la legge protegge lo *stato quo,* il quale non puo' variarsi tranne per consenso degl'interessati, o per decreto dell'autorita' giudiciale.

Dan huwa wkoll rifless fil-ġurisprudenza Taljana aktar reċenti minn fejn jirriżulta li : -

> Si e' conseguentemente precisato che ... autore del delitto puo' essere soltanto chi non si trova nel possesso della cosa, poiche solo in tal caso si puo' verficare quella turbativa nel godimento di fatto che costituisce uno degli elementi essenziali del reato (tra le piu' recenti, Cass. VI 13.11.81, Papa, G PEN 1982, II, 648; Cass. VI 7.5.85, Spallina', CP 1986, 1766; Cass. VI 26.3.85

[8] Ara Codice Penale, Tullio Padovani, Tomo I, IV Edizione, 2007, Giuffre Editore, paġna 2610 taħt il-vuċi "oggetto giuridico".
[9] Ara Programma, Vol. 5, pagna 488.

> Pirola, CP1986, 1935). In effetti, sopratutto dalla circostanza che il diritto deve essere <presteso> si ricava come gli elementi sopre indicati descrivano innanzitutto come presupposts del reato l'esistenza di un conflitto di pretese, ovvero il requisito della contenziosita' del diritto.[10]

F'dan il-każ il-parte civile ttenni li bl-azzjoni unilaterali u abbużiva tal-imputati li għażlu li jieħdu l-Liġi b'idejhom u jostakolawlha l-passaġġ billi installaw xatba fil-fetħa li minnha tista' taċċedi għall-porzjon art tagħha, hija ġiet sfrattata mid-dritt tagħha ta' passaġġ, u ergo ġie integrat ir-reat ta' *ragion fattasi*.

Mill-banda l-oħra l-imputati għandhom verżjoni differenti. Maria Anna Frendo tgħid li hija ma nstallat ebda xatba u fi kwalunkwe każ hija ma kienet ser tippermetti lil ħadd jgħaddi minn fuq il-porzjon tagħha una volta saret id-diviżjoni. Philippa Briffa tgħid li hija tirrikonoxxi li ma għandhiex id-dritt li tgħaddi mix-xatba u minn fuq il-porzjon ta' oħtha Agnes jekk mhux bil-kunsens u kuntentizza tal-istess Agnes D'Anastasi. Tammetti pero li hija riedet li ssir ix-xatba biex ħadd ma jaqbad u jidħol fl-għalqa. Agnes D'Anastasi ttenni li l-fetħa tinsab fil-porzjon li ġiet assenjata lilha wara li sar il-kuntratt ta' diviżjoni bi qbil bejn l-aħwa kollha u b'hekk hija kellha jedd ta' tgawdija tal-proprjeta tagħha u li ġiet assenjata lilha bil-kuntratt ta' diviżjoni u li fih ma sar ebda ftehim dwar xi forma ta' aċċess u passaġġ minn fuq il-porzjon tagħha wara d-diviżjoni bi qbil bejn il-partijiet.

---

[10] Codice Penale, Tullio Padovani, op. cit. a fol 2611 taħt il-vuċi "soggetto attivo".

Minn dan il-kwadru probatorju huwa ċar li r-riżoluzzjoni ta' dan il-każ mhix daqshekk sempliċi u *straight forward* daqs kemm qegħda tikkunsidraha l-parte civile u din il-Qorti ma tistax taqta għad-dritt mingħajr ma tidħol fil-mod kif żvolġew il-fatti f'dan il-każ. U biex tagħmel dan dil-Qorti bilfors li trid tiddetermina aspetti aċċessorji ta' natura ċivili, kif għandha l-jedd bis-saħħa tal-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati fil-każijiet kongruwi.

L-għalqa in kwistjoni kienet ipperveniet lill-kontendenti u lil ħuhom ieħor Carmelo Agius (li minkejja li qabel ma sar il-kuntratt tad-diviżjoni kien għamel xatba u wara għamel ilqugħ wkoll b'katnazz ma ġiex ukoll kwerelat f'dawn il-proċeduri) permezz ta' wirt mingħand il-ġenituri tagħhom.

*Jekk* din kienet il-posizzjoni ereditarja tal-partijiet u ħuhom Carmelo wara l-mewt tal-ġenituri, qabel ma sar il-kuntratt tad-diviżjoni tal-għalqa de quo kull wieħed mill-aħwa kellu sehem indiviż mill-istess għalqa. Sakemm sar il-kuntratt ta' diviżjoni kull wieħed mill-aħwa kellu jedd ukoll jivvanta dritt t'aċċess għall-għalqa minn kull parti li setgħet twassal għall-għalqa. Jekk l-aċċess għal din l-għalqa kien mill-fetħa li kien hemm kull wieħed mill-aħwa kellu l-jedd li jaċċedi għall-għalqa minn din il-fteħa. Jekk xi ħadd minnhom għamel xi restrizzjoni għall-aċċess mill-fetħa de quo b'mod li kien jimpedixxi l-aċċess ħieles lill-xi

ħadd mill-komproprjetarji, l-awtur ta' din ir-restrizzjoni setgħa jiġi kwerelat bl-azzjoni de quo. Dan ma jirriżultax li sar.

Iżda l-i*status quo* kemm legali kif ukoll fattwali bejn il-partijiet issubixxa bidla radikali meta huma iffirmaw il-kuntratt ta' diviżjoni minn fejn jirriżulta preċiżament kif huma ftehmu bejniethom kif l-għalqa kellha tiġi maqsuma f'ħames porzjonijiet. Kull parti għażlet il-porzjon li riedet.

Fattur importanti f'dan il-każ huwa li l-porzjonijiet inħadmu minn perit rinomat imqabbad apposta minnhom. Kull porzjon ġiet imfassla b'mod ċar u rifless fuq pjanta li ġiet ukoll eżibita f'dawn l-atti. Anzi il-porzjonijiet ġew maħduma apposta, u bi qbil preċedenti bejn il-partijiet kollha involuti biex **<u>kull porzjon</u>** ikollha parti mill-faċċata tal-għalqa li tmiss ma triq pubblika – u dan biex jiġi żgurat li kull porzjon ikollha aċċess dirett minn din it-triq pubblika. Il-porzjonijiet kollha ġew assenjati bi qbil bejn il-partijiet u kull parti ġiet assenjata d-dritt ta' proprjeta ossija padronanza assoluta fuq l-istess porzjon – naturalment b'dak kollu li jirriżulta fuqha u taħtha *inferi ad astra*. Inoltre, bħala korollarju għal dan la fil-kuntratt tad-diviżjoni u l-anqas fil-pjanti ma ġie riżervat jew maħluq xi dritt t'aċċess mill-fetħa de quo jew ġie riżervat xi forma ta' dritt ta' passaġġ li jagħti mill-porzjon wieħed sal-porzjon ħamsa. Anzi mix-xiehda tal-Perit Richard Aquilina jirriżulta li din id-deċiżjoni kienet waħda deliberata u magħmula apposta fil-kuntratt tad-diviżjoni. Dan sar għaliex skont il-Kodiċi Ċivili :

> **504.** Meta wieħed jiġi biex jifforma u jqassam l-ishma, għandu jevita li jifred il-fondi fi bċejjeċ jew li joħloq servitujiet;

Ir-regola fid-dritt ċivili hija ċara. Meta jkun hemm proġett ta' diviżjoni ta' proprjeta komuni, għandu jiġi evitat li jinħolqu servituwijiet. Din il-posizzjoni ssib ukoll sostenn ġurisprudenzjali kif jirriżulta mill-kawża *John Ellul et vs Vincenza Cassar et* deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-20 ta' Marzu 2003 fejn ġie ritenut li :

> Hemm konsiderazzjoni ohra li twassal lill-Qorti tasal biex tichad din it-talba tal-eredi ta' Mikiel Ellul, u din hi l-konsiderazzjoni tal-Perit Tekniku li tali qasma tkun tinecessita' l-holqien ta' servituijiet. Dan ifisser li l-qasma n-natura m'ghandhiex issir peress li, skond l-artikolu 504, tal-Kodici Civili, "meta wiehed jigi biex jifforma u jqassam l-ishma, ghandu jevita li jifred il-fondi bi bcejjec jew li johloq servituijiet".

Il-Liġi hija kontra l-ħolqien ta' servituwijiet ġodda fuq proprjeta li tkun soġġetta għal diviżjoni. Anke jekk id-divjet mhux wieħed assolut, żgur li l-formazzjoni ta' servituwijiet fuq art soġġetta għal diviżjoni mhix ben vista mill-Liġi. Kien għalhekk li l-Perit Aquilina kien għamel il-pjan ta' qasma tiegħu b'mod li kull porzjon ikollha aċċess dirett għall-fuq triq pubblika – liema fatt iwassal għalbiex ma jkunx hemm aktar ħtieġa ta' aċċess mill-fetħa de quo għal kulħadd u l-ħolqien ta' servitu' ta' passaġġ minn fuq il-porzjonijiet ħamsa sa tnejn.

Il-posizzjoni legali bejn il-partijiet wara l-firma tal-kuntratt tad-diviżjoni relattivament għad-drittijiet tagħhom fuq l-għalqa u fuq l-aċċess tagħhom għall-porzjonijiet rispettivi ma baqgħetx l-istess bħal ma kienet

qabel il-kuntratt. Il-kuntratt ta' diviżjoni ikkristallizza l-posizzjoni legali bejn il-partijiet fir-rigward tal-mod kif l-għalqa issa mhux biss ġiet maqsuma u d-drittijiet ta' sid kull porzjon fuq il-porzjonijiet rispettivi kif ukoll kien hemm l-effetti inevitabbli fuq id-drittijiet ta' aċċess u passaġġ għall-istess. Dan peress li l-kondividendi assenjaw lil xulxin il-pjena proprjeta fuq kull porzjoni assenjanda u ma ħolqux drittijiet ta' aċċess u passaġġ. Biex jiġi maħluq jedd ta' passaġġ kien meħtieġ li dan isir permezz ta' att pubbliku.[11]

Illi l-effetti li jitnisslu minn dan il-kuntratt ta' diviżjoni bejn il-partijiet huma wkoll ċari fil-fatt u fid-dritt. Hekk per eżempju l-Artikolu 946 tal-Kodiċi Ċivili jtenni li : -

> **946.** Kull wieħed mill-werrieta hu magħdud suċċessur waħdu u dirett fil-beni kollha li jagħmlu s-sehem tiegħu, jew li messu lilu b'liċitazzjoni, u jitqies li qatt ma kellu l-proprjetà tal-beni l-oħra tal-wirt.

Dan ifisser li mal-firma tal-kuntratt tad-diviżjoni il-quddiem huwa l-kuntratt li jipprevali bejn il-partijiet u jsir liġi bejn il-partijiet. Il-jeddijiet ta' komproprjeta u l-konsegwenzjali aċċess preċedenti inbidlu bis-saħħa tad-drittijiet trasferiti b'dak l-att li jistipula l-qsim tal-porzjonijiet u l-

---

[11] Ara l-Kodiċi Kriminali fl-Artikolu **469.** (1) Is-servitujiet kontinwi li ma jkunux jidhru, u s- servitujiet mhux kontinwi, ikunu jew ma jkunux jidhru, jistgħu biss jiġu stabbiliti b'saħħa ta' titolu; huma ma jistgħux jiġu stabbiliti bil-preskrizzjoni jew bid-destinazzjoni ta' sid ta' żewġ fondi.

(2) B'danakollu, is-servitù ta' mogħdija għall-użu ta' fond tista' tinkiseb bil-preskrizzjoni ta' tletin sena, jekk dan il-fond ma jkollux ħruġ iehor fuq it-triq pubblika; u kull servitù oħra li, fil-11 ta' Frar, 1870, kienet ġa miksuba taħt liġijiet ta' qabel, ma tistax tiġi attakkata.

assenjazzjoni in pjena proprjeta ta' kull porzjon lill-kull wieħed mill-kondividendi – u dan b'mod partikolari minħabba l-intiża li kull porzjon ikollha aċċess separat għall-fuq it-triq pubblika u fin-nuqqas li ġew riżervati jew maħluqa jeddiet t'aċċess u servituwijiet minn porzjonijiet partikolari fuq il-kuntratt.

Dan għandu konsegwenza fuq il-jeddijiet tal-parte civile stante li l-aċċess li kienet tgawdi għal din l-għalqa mill-fetħa de quo **qabel** il-kuntratt ta' diviżjoni ġiet bil-kunsens tagħha stess assenjata in piena proprjeta lil Agnes D'Anastasi stante li tinsab fil-porzjoni assenjata lil Agnes D'Anastasi. Verament li jirriżulta mill-provi li mir-razzett li kien f'idejn Carmelo Agius kien hemm ukoll xi forma t'aċċess ieħor għal din l-għalqa u li żamm riżervata għalih u li minkejja dan huwa ma ġiex ukoll kwerelat mill-parte civile u tħalla barra minn dan il-każ, almenu bħala imputat.

Apparti dan għalhekk l-uniku aċċess dirett li kien għad fadal għal din l-għalqa kien mill-fetħa de quo u dan kien fatt magħruf mal-aħwa kollha b'mod ċar **ferm qabel** ma sar il-kuntratt ta' diviżjoni. Iżda minkejja dan ma saret ebda riżerva ta' dritt t'aċċess u passaġġ mill-fetħa u l-porzjonijiet minkejja l-qbil dwar il-passaġġ legali tal-proprjeta tal-porzjonijiet rispettivi bejn il-kondividendi.

Ma jirriżulta minn imkien li f'xi stadju **<u>qabel</u>** ma saret id-diviżjoni jew almenu qabel ma saret ix-xatba de quo li l-parte civile ivventilat xi kontroversja ma' Carmelo Agius, jew ma ħutha l-oħra, minħabba li huwa kien għalaq l-aċċess mill-fetħa de quo permezz ta' xatba u mbagħad b'wire u katnazz u li ċavetta għalihom il-parte civile ma kellhiex, u baqgħet qatt ma ingħatat.

Anzi l-anqas ma jirriżulta li kien hemm kontestazzjoni dwar dan il-fatt għaliex biex tidħol fl-għalqa l-parte civile kienet anke titlob lill-oħtha Maria Anna biex tiftħilha hi. Ebda azzjoni ġudizzjarja jew almenu rimostrazzjoni ta' fatt li jevidenzja kontroversja fis-seħħ dwar dan il-punt ma jidher li ttieħdet mill-parte civile f'dak iż-żmien minkejja r-restrizzjonijiet evidenti imposti fuqha relattivament għall-aċċess tagħha fl-għalqa kemm qabel kif ukoll wara l-kuntratt tad-diviżjoni. U hija ma jirrizultax li insistiet li jkollha riżervat fil-kuntratt ta' diviżjoni xi dritt t'aċċess mill-fetħa u dritt ta' passaġġ fuq il-porzjonijiet ta' ħutha.

Kif intqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża ***Nazzareno Schembri vs Leonlinda Farrugia*** deċiża nhar it-18 ta' Frar 2004 : -

> Huwa pacifiku in tema ta' dritt, anke ghaliex dan hu hekk preskritt mill-Artikolu 469 (1) tal-Kodici Civili illi s-servitu` diskontinwa bhal ma hija dik tal-passagg [Artikolu 455(3)] vantat mill-konvenuta ma tistax tigi stabbilita hlief bis-sahha ta' titolu - eccettwat il-kaz ta' passagg necessarju fejn ghandek fond interkjuz, u li allura jista' jinkiseb bil-preskrizzjoni - u ma jistax anzi jigi stabbilit la bil-preskrizzjoni u lanqas bid-destinazzjoni tas-sid taz-zewg fondi;
>
> Meta l-ligi ssemmi titolu qed tirreferi ghall-att pubbliku. Huwa proprju

> ghalhekk li jinsab enuncjat illi "s-servitu` ma tistax tigi prezunta u jehtiegilha tigi pruvata; u f' kaz ta' dubju ghandha tigi eskluza. U dan jghodd aktar f' kaz ta' servitu` ta' passagg, li bhala servitu` diskontinwa ghandha normalment tigi pruvata per mezz ta' titolu.

Dan l-insenjament, magħqud mal-fatt li l-art in kwistjoni ma tistax titqies art interkjuża (in kwantu għandha faċċata fuq triq pubblika u fil-kuntratt ta' diviżjoni il-porzjonijiet ġew maħduma biex kull porzjon ikollha parti mill-ħajt li jagħti għat-triq pubblika) tagħmilha diffiċli għall-parte ċivile sabiex, **wara** li ġie ffirmat il-kuntratt ta' diviżjoni, ttenni li hija kienet jew baqgħet tgawdi xi dritt t'aċċess mill-fetħa de quo u dritt ta' passaġġ.

Dan in-nuqqas minn naħa tal-parte civile jidher li huwa fatt stramb immens tenut kont ta' kemm kellu jkun ovvju li biex il-parte civile tibqa' taċċedi għall-porzjon assenjat lilha riedet bilfors ikollha forma ta' aċċess għall-istess porzjon mit-triq pubblika. Biss kemm in-Nutar Victor Bisazza kif ukoll il-Perit Aquilina jixhdu ċar li ftehim dwar servituwijiet ma sarx bejn il-partijiet; anzi dak li kien jidher ovvju kien li l-partijiet ħadu deċiżjoni deliberata li ladarba l-għalqa kellha ħajt minnhom preċiżament jagħti għal fuq triq pubblika allura l-aċċess għall-porzjonijiet rispettivi kellu jkun minn hemm. Dan jirriżulta mit-testimonjanza tal-Perit Aquilina kif rifless fil-kuntratt tad-diviżjoni u l-pjanti annessi.

Dan il-fatt għalhekk jispjega għaliex tali ftehim dwar l-aċċess mill-fetħa u jedd ta' passaġġ minn fuq il-porzjonijiet numri 5, 4 u 3 ma sarx fil-kuntratt. Biss f'dan il-każ irriżulta li l-ostaklu li sabet il-parte civile li twettaq dak ġie maqbul bil-kuntratt u ċjoe li jkollha aċċess dirett għat-triq pubblika sab ostaklu mil-policies amministrattivi imħadna mill-MEPA li jirriżulta li approvawx il-pjan tagħha li tiftaħ aċċess dirett għat-triq pubblika, minkejja dak misjub fil-Kodiċi Ċivili. Iżda skont dak mistqarr mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża ***Vincent Camilleri et vs Helen Pavia*** deċiża nhar l-20 ta' Marzu 2003 : -

> Illi dwar is-sottomissjoni tal-konvenuta li ghandu jigi mistharreg jekk il-qasma kif proposta tmurx kontra l- policies ta' l-Awtorita' ta' l-Ambjent u ta' l-Ippjannar ta' Malta (MEPA), din il-Qorti thoss li dan mhux relevanti ghal kaz in ezami. Il-ligi mhux biss ma tiffavorixhiex il- komproprieta', tant li ma tridx li koproprietarju jintrabat li jibqa' in komun ghal aktar minn hames snin, izda trid li, fejn hu possibbli, kull proprjetarju jiehu sehemu in natura, u tistmerr qasma billi wiehed jiehu oggett u iehor flus, u trid li, kemm jista' jkun, l-ekwiparazzjonijiet jinzammu mill- anqas. Dan id-dritt ta' kull koproprietarju li jiehu sehemu in natura m'ghandux jigi mfixkel jew negat b'xi policy li tadotta l-MEPA. Ghalhekk, din il-Qorti mhiex se tilqa' t- talba tal-konvenuta biex il-process jigi rimess lill-perit tekniku ghax kull parti ghandha dritt tiehu u tgawdi parti mill-ghalqa in kwistjoni.

Illi dan ifisser li l-parte civile li bil-kuntratt ta' diviżjoni kienet qegħda minn jeddha tagħti l-jedd ta' proprjeta fuq il-porzjonijiet l-oħra lill-ħutha u wkoll fuq il-fetħa lill-oħtha Agnes mingħajr ma rriżervat jedd t'aċċess mill-fetħa u dritt ta' passaġġ fuq il-porzjonijiet ta' ħutha l-oħra ma tistax issa tippretendi li kien għad għandha l-istess jeddijiet ta' aċċess u mogħdija bħal ma kellha qabel ma ffirmat il-kuntratt tad-diviżjoni. U ladarba ħutha ingħataw minnha wkoll dawn id-drittijiet fuq il-

porzjonijiet rispettivi ingħata wkoll ir-rikonoxximent li jistgħu jeżerċitaw id-dritt ta' sidien fuq il-porzjonijiet rispettivi tagħhom.

Punt kruċjali ieħor f'dan il-każ huwa li l-kontroversja dwar l-aċċess ġiet ventilata mill-parte civile ferm wara li ġie ffirmat il-kuntratt tad-diviżjoni. Issa minflok tieħu l-azzjonijiet ċivili kompetenti lilha, qegħda tinterponi dawn il-proċeduri billi tippretendi li, minkejja dak maqbul minnha fil-kuntratt ta' diviżjoni, hija xorta waħda ttenni li ġiet arbitrarjament imfixkla mid-dritt tagħha li taċċedi għall-porzjon tagħha mill-fetħa de quo u minn fuq il-porzjonijiet ta' ħutha l-oħra - minkejja li kienet iffirmat rikonoxximent ta' dritt ta' sid lil kull wieħed u waħda minn ħutha l-oħra fuq il-porzjonijiet rispettivi assenjati lilhom bi qbil magħha.

Biss f'dan l-isfond ta' *status quo* mibdul bil-kunsens tagħha stess ma setgħetx tibqa għaddejja minn fuq il-proprjeta ta' ħutha mingħajr il-permess ta' ħutha. U dwar dan ma jidherx li kienet għamlet xi azzjoni ta' kontroversja legali jew fattwali la qabel u l-anqas wara l-kuntratt ta' diviżjoni. Anzi bil-maqlub – tant kienet konxja mill-ħtieġa li tottjeni l-kunsens ta' ħutha biex taċċedi li anke **wara** l-firma tal-kuntratt tad-diviżjoni ġie pruvat li kien hemm drabi fejn kienet titlob lill-oħtha Maria Anna sabiex tkun tista' tiftħilha l-katnazz biex tkun tista taċċedi għall-porzjoni tagħha. Hija ma kienet qajmet ebda kontroversja dwar dan il-

fatt u b'hekk impliċitament rrikonoxxiet li ma kellhiex jew almenu ma kienx għad fadlilha jedd ħieles ta' aċċess u passaġġ għal din il-porzjoni.

U dan kellu raġonevolment ikun punt ta' kontroversja da parte tal-parte civile jekk wieħed iqis li l-parte civile suppost kienet issostni li hija kellha jedd ta' aċċess ħieles lejn il-porzjoni tagħha mill-fetħa de quo u minn fuq il-porzjonijiet l-oħra anke qabel il-kuntratt ta' diviżjoni; iżda minkejja dan ma ġiet pruvata ebda kontestazzjoni jew kontroversja la ma Carmelo Agius li installa xatba u mbagħad wire u l-katnazz preċedentement u l-anqas ma ħutha l-oħra li mingħandhom kienet iġġib iċ-ċavetta għall-katnazz de quo biex tkun tista' taċċedi għall-għalqa u l-porzjon tagħha qabel ġiet installata x-xatba.

Iżda apparti dak li tenniet il-parte civile, jirriżulta wkoll mix-xiehda tagħhom li anke l-kumplament tal-aħwa (barra Agnes D'Anasasi) jikkonċedu u jirrikonoxxu li **<u>wara</u>** l-kuntratt ta' diviżjoni huma ma baqgħux sidien tal-fetħa bi dritt inkontrastat t'aċċess u passaġġ għall-porzjonijiet rispettivi tagħhom mill-fetħa misjuba fil-porzjon ħamsa. Tant hu hekk li anke Carmelo Agius, għal darba darbtejn jirriżulta li huwa għadda ċ-ċavetta tal-katnazz li kellu lil ħadd ħlief lil Agnes D'Anastasi – tramite oħtu Philippa. B'hekk joħroġ ċar li l-partijiet irrikonoxxew li l-i*status quo* bejniethom **<u>wara</u>** l-firma tal-kuntratt ta' diviżjoni inbidel minn dak li kien prevalenti **<u>qabel</u>** il-firma tal-kuntratt. U għal dan il-fatt jidhru wkoll li kienu konsenzjenti.

Issa wara l-bidla ta' dan l-*istatus quo* – aktar minn sentejn wara l-firma tal-kuntratt tad-diviżjoni - jirriżulta li almenu Philippa Briffa u Agnes D'Anastasi ddeċidew li jinstallaw xatba fil-fetħa fuq il-porzjon numru 5. Ħadd minnhom ma ried li din il-fetħa tibqa miftuħa għall-pubbliku jew għal terzi. D'Anastasi tgħid li hija għamlet ix-xatba biex ħadd, inkluż oħtha Josephine, ma tidħol minn dik il-fetħa. Din ix-xatba ġiet imqegħda ferm wara li sar dan il-kuntratt ta' diviżjoni. U ladarba l-posizzjoni legali bejn il-partijiet kienet kristallizzata b'dan il-kuntratt, D'Anastasi setgħet tinstalla din ix-xatba f'dik li issa saret proprjeta tagħha bis-saħħa tal-kuntratt ta' diviżjoni. Ladarba ħutha ma ma insistewx li jkollhom jedd t'aċċess għall-porzjonijiet rispettivi tagħhom mill-fetħa de quo u mill-porzjoni tagħha dawn ma kienx għad baqagħlhom jedd awtomatiku ta' aċċess mill-fetħa u passaġġ minn fuq il-porzjon numru ħamsa. Bħala s-sid tal-porzjon numru ħamsa D'Anastasi kellha l-jedd tipproteġi il-jeddijiet tagħha ta' sid b'mod li ma tħallix il-porzjoni tagħha tkun suġġetta għal-aċċess jew dħul ta' terzi persuni stante li ħadd ma rriżerva xi jedd t'aċċess u servitu minn fuq il-proprjeta tagħha fl-att pubbliku tad-diviżjoni. Din is-sid eżerċitat wieħed mill-jeddijiet tas-sid u ċjoe li tagħlaq aċċess miftuh fuq proprjeta esklussiva u privata tagħha u li kienet tippossjedi. Naturalment mhix ħaġa moralment sabiħa li tagħmel din l-azzjoni ukoll fil-konfront ta' ħutha pero ma tistax titqies fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ li tinkorri fir-reat ta' *ragion fattasi.* Bl-azzjoni tagħha Agnes D'Anastasi ma ċaħdet jew

turbat ebda jedd lil parte civile u dan għaliex kull jedd li l-parte civile kellha ġie determinat skont il-kuntratt tad-diviżjoni minn fejn jedd t'aċċess għall-porzjon tagħha u jedd ta' servitu ma ġewx riżervati u l-proprjeta tal-porzjon għaddiet mhux mittiefsa lil ħutha l-oħra, inkluż lil Agnes D'Anastasi. Il-parte civile kienet taf li biex taċċedi riedet titlob il-permess lil ħutha u dan għamlitu fil-prattika wkoll billi talbet iċ-ċavetta lil oħta Maria Anna. Ma jidherx li dan il-fatt taċ-ċavetta kien fi żmienu xi punt kontrovers mill-parte civile. Jekk hija kienet tippretendi li kellha xi jedd ta' passaġġ għall-istess porzjon kellha titlob li tingħata ċavetta tal-katnazz li kien sar, okkorrendo billi tirrikorri għall-Qorti kompetenti jekk kienet tippretendi tali dritt. Il-fatt li dan ma għamlitux qajla juri li kien hemm xi sens ta' kontroversja jew kontestazzjoni fis-sens tal-ġurisprudenza hawn fuq spjegata. U del resto l-anqas lil ħuha Carmelo ma ċċitat in ġudizzju dwar il-fatt li huwa kien, qabel ma ġiet installata x-xatba, ċaħdilha l-aċċess ħieles għall-porzjon tagħha billi installa l-wire u l-katnazz li għalih hi ma kellhiex iċavetta, u kienet tidħol hemm jew bil-kunsens tiegħu jew wara bil-permess ta' oħtha Maria Anna li kienet tmur tiftħilha.

Anzi ħutha konvenuti jgħidu li jekk daħlet mill-fetħa wara l-iffirmar tal-kuntratt tad-diviżjoni dan għamlitu biss jew billi għaddiet mingħand ħuha Carmelo jew inkella jekk għaddiet mill-fetħa hija għamlet dan b'mod klandestin u minn wara darhom u żgur mhux bil-kuntentizza tagħhom. Fil-fatt wara l-firma tal-kuntratt tad-diviżjoni – ħadd mill-

aħwa li ġew assenjati l-porzjonijiet 3, 4 u 5 ma riedu lill-oħrajn li jgħaddu minn fuqhom. Irriżulta pruvat ukoll li meta Josephine Calleja jew żewġha daħlu mill-fetħa de quo mingħajr ma ottjenew iċ-ċavetta mingħand il-konvenuti, il-parte civile kienet qed tagħmel dan mhux b'tolleranza, iżda **kontra r-rieda tal-aħwa imputati.** Jiġifieri wara l-firma tal-kuntratt, l-anqas mera tolleranza minn naħa tagħhom ma kienet tgawdi u dan għaliex l-aċċess tagħha jirriżulta li kien kontrastat bil-qawwa mis-sidien tal-porzjonijiet li minn fuqhom il-parte civile kienet għaddiet meta dawn intebħu li sar dan l-aċċess.

Il-parte civile għalhekk minflok ipproċediet *civiliter* biex tassigura l-jeddijiet *si et quatenus* kompetenti lilha, għażlet li tkompli tidħol mill-fetħa – drabi minnhom billi titlob il-permess ta' oħtha Maria Anna jew saħansitra preżumibbilment drabi oħra anke mingħajr dak il-permess u kif irriżulta bid-dissens tal-aħwa imputati. Dan l-aċċess beda jiżdied **mhux qabel** iżda **wara** l-kuntratt ta' diviżjoni – minkejja li fl-istess kuntratt hija ma rriżervatx jedd ta' mogħdija minn fuq il-porzjonijiet l-oħra. Jirriżulta wkoll li t-tentattivi li hija għamlet biex tottjeni aċċess dirett mill-ħajt tas-sejjiegħ fuq it-triq pubblika kien biss wara l-kuntratt tad-diviżjoni u ferm qabel ma ġiet installata x-xatba. Iżda li ma tistax taċċetta l-parte civile huwa li issa l-*istatus quo* kien inbidel radikalment u fi kwalunkwe każ hija ma kienet għamlet ebda kontroversja dwar il-fatt li l-fetħa kienet soġġetta għal sokor qabel ix-xatba.

Skont l-Arabia :

> Ma che s'intende per dritto posto in controversia? Ogni dritto il cui esercizio e' chiaramente e solennemente controvertito, sia con un fatto giudiziale, sia con un fatto materiale, che l'altro avea dritto almeno apparente di fare. Si supponga p.e. che Tizio abbia conceduto a Caio la facolta' di passare pel suo fondo per certo tempo e con certe condizioni. Se essi venissero in controversia sull'esercizio di questa facolta', e Caio citasse Tizio innanzi al magistrato per farsi conservare nel diritto di passaggio, Tizio incorrerebbe nell'art. 168 se facesse qualche opera per cui il passaggio fosse turbato. Abbia o non abbia diritto, viola la legge facendo cio' si spetta all'autorita' pubblica gia' invocata. **Per lo contrario, se prima che Caio adisca il magistrato, Tizio pone una siepe o un cancello o altro segno visibile, che chiaramente pone in controversia la facolta' di Caio, questi incorre nell'art. 168, se invece di adire il magistrato, rompa la siepe o il cancello e passi, abbia o non abbia diritto. Nel che notisi che il porre il cancello che fece Tizio puo' essere ingusto, e quindi una turbativa del possesso di Caio, ma egli non puo' essere astretto che con la sole azione civile, perche' quando pose il dette cancello, non dove' distruggere alcun segno visibile del possesso di Caio, onde e' presunta buona fede, non essendovi stata controversia di cui vi siano segni tali, che tolgano ogni dubbio sulla volonta' dell' altro di contraddirgli il possesso, onde si debba aver ricorso all'autorita'. Gli elementi dunque del reato dell'art. 168 sono a) uno de' datti materiali in esso descritti, e tassativamente nominati, cioe' costringere a pagare un debito, turbare il possesso ec. b) che cio' sia fatto per l'esercizio di un dritto messo in controversia e cosi' che sia richiesta l'opera dell'autorita' pubblica a deciderla, poco importando se questo dritto sia o non sia reale; solo che sia chiaramente controvertito.** *(Enfażi miżjuda)*

Mill-kwadru probatorju aktar il-fuq imsemmi, bl-eżempju ċar li jagħti l-Arabia, din il-Qorti ma tistax tara kif fin-nuqqas ta' kontroversja a tempo debito, kontra dawk kollha involuti da parti tal-parte civile jista' issa jiġi meqjus integrat ir-ragion fattasi fil-konfront tal-imputati f'dal-każ.

# ***Decide***

Li wara li rat l-Artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda ssib lill-imputati mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u tilliberahom minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija fil-11 ta' Diċembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***